MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 89/2012

**Appell Nru. 89/2012**

**Il-Pulizija
(Maggur Joseph Chalker)
Vs
Celine Lee Bentley
Omissis**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [passaport Franciz bin-numru 08AB87944] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita` taghhom ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` kummercjali Market Handle Limited (C 49546) b'indirizz registrat Market Handle Building, GF Agius De Soldanis Road, Birkirkara BKR 4850, Malta, u/jew bhala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess socjeta` kummercjali sabiex

thallas il-pagi dovuti, naqsu li jhallasu l-pagi dovuti ghall-perjodu ta' bejn it-18 t'Ottubru 2010 u t-30 ta' Novembru 2010 ammontanti ghal €1,490.75 naqsu li jhallsu l-bonus statutorju dovut ghall-perjodu bejn it-18 t'Ottubru 2010 u t-30 ta' Novembru 2010, ammontanti ghal €30.34, naqsu li jhallsu l-vacation leave dovut ghall-perjodu bejn it-18 t'Ottubru 2010 u t-30 ta' Novembru 2010 ammontanti ghal €88.86, naqsu li jhallsu l-weekly allowance dovut ghall-perjodu bejn it-18 t'Ottubru 2010 u t-30 ta' Novembru 2010, ammontanti ghal €27.96, li b'kollox jammontaw ghal elf, sitt mija u seba` u tletin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€1,637.91) u li kienu dovuti lill-ex impjegata taghhom u cioe` lil Christine Dougall fit-30 ta' Novembru 2010, meta l-impjieg taghha gie terminat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 6, 22, 23, 36, 45, 46 u 4(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-Regolamenti 8(1) u 8(4) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 sabet lill-appellanta Celine Lee Bentley hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u kkundannataha multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) u ordnatilha sabiex sa zmien xahar thallas lil Christine Dougall is-somma ta' elf, hames mija u seba` u tletin Ewro u wiehed u disghin Ewro centezmi (€1537.91). Peress li l-akkuza kif dedotta ma rrizultatx pruvata sal grad rikjest mill-ligi fil-konfronti ta' omissis illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fis-27 ta' Frar, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

L-ammont reklamat bhala vacation leave f'isem Christine Dougall da parti tad-Dipartiment ta' l-Impjioegi u Relazzjonijiet Industrijali fuq rapport ta' l-istess Christine Dougall ma huwiex gustifikat u ma huwiex dak rejali billi hija naqset milli tiddikjara l-granet kollha ta' vacation leave illi attwalment hadet. Kif xehed l-imputat l-iehor, Christine Dougall kienet hadet aktar minn gurnata ossija tmien (8) sieghat vacation leave u ghalhekk ma setghatx tiddikjara u titlob vacation leave ghab-bazi ta' l-allegazzjoni illi hadet biss tmien (8) sighat vacation. Ghalhekk l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-appellanta ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk l-appellanta kellha tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellanta hija direttur tal-kumpanija Market Handle  Limited li kienet topera minn ufficcju f'Agius De Soldanis Road, Birkirkara. Din il-kumpanija kellha xi 20 impjegat u wahda minhhom kienet Christine Dougall illi dahlet tahdem maghhom fit-18 ta' Ottubru, 2010 u damet maghhom sal-31 ta' Novembru, 2010. F'dan il-perjodu  ma thallset xejn, la paga u l-anqas ghal beneficcji ohra.

Xehdet illi hija kienet impjegata mal-kumpanija bhala Brand Executive bid-dritt tal-leave u sick leave dawk statutorji. Ghal dak li jirrigwardja l-administarzzjoni tal-gurnata kienet dejjem tirreferi ghal direttur iehor Donald Micallef u lilu kienet tkellem ukoll ghall- hlas tal-paga. Micallef kien jghidilhom illi c-cekkijiet kienu ser johorgu izda dawn qatt ma gew. Ghalhekk Christine Dougall iddecidiet illi titlaq mill-kumpanija pero' baqghet tidhol tahdem ghal gimgha zejda sabiex il-kumpanija ssib lil haddiehor biex jiehu postha. Wara illi telqet baqghet tmur ghand il-kumpanija biex tithallas izda kien ta' xejn u ghalhekk irrikorriet ghad-Dipartiment tax-xoghol u kellmet lil Paul Costa li qallha dwar id-drittijiet illi kellha li kienu jinkludu hlas ghall-paga u bonuses.

Ikkonfermat id-dokument illi hemm esebit fil-process a fol 12 fejn jindika l-ammont illi ghandha tiehu. Spjegat illi

minn dawn l-ammonti kienet diga naqset xi granet li ghalihom ma talbitx u cioe' jumejn sick leave u gurnata leave. Xehed ukoll Paul Costa Enforcement Officer mal-Labour Office fejn ikkonferma illi Christine Dougall giet taghmel talba l-ufficcju dwar nuqqas ta' hlas. Dina giet fil-15 ta' Dicembru, 2010. Hu spjega illi t-talba taghha hija bazata fuq il-payslip li kienet harget l-istess kumpanija pero' l-hlas qatt ma sar. Minkejja illi Dougall hadet jumejn sick leave dawna ma gewx mitluba l-hlas taghhom peress illi ma pproducietx certifikat mediku.
Xehed ukoll Donald Micallef illi qal illi hu kien CEO tal-kumpanija u Christine Dougall kienet tahdem maghhom. Qal illi ghall-habta ta' nofs Jannar 2009 il-kumpanija Alfa Limited ghamlet mandat ta' qbid fuq il-fond u l-konsenjatarju ha l-apparat u l-atrezzi kollha tal-kumpanija u din waqfet topera. Allega illi Dougall hadet aktar minn 8 sieghat leave illi gew imnizzla fid-dokumenti, pero' ma setax jikkontrolla dan 'il ghaliex bil-mandat ittiehed kollox inkluz id-dokumenti tal-kumpanija u fil-fond thalla biss aquarium li ma setax jiccaqlaq u wires imdendlin mas-saqaf. Micallef jghid illi l-ittra mill-ETC ghal talba ta' Christine Dougall qatt ma rcivewha pero' fl-istess nifs ikkonferma l-firma tieghu fuq il-pink card illi turi illi rcieva d-dokument imsemmi.

L-agravju ta' l-appellanta qieghed fuq il-fatt illi t-talba kif maghmula mid-Dipartiment ta' l-Impjiegu u Relazzjonijiet Industrijali mhuwiex gustifikat, mhuwiex reali, billi Dougall naqset li tiddikjara l-granet kollha tal-vacation leave li attwalment hadet. Dougall qalet illi hadet aktar min gurnata, ossia 8 sieghat vacation leave, u ghalhekk ma setghetx tiddikjara u titlob vacation leave abbazi ta' l-allegazzjoni illi hadet biss 8 sieghat. Ghalhekk argumentat li l-imputatzzjoni kif dedotta fil-konfront taghha ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u ghalhekk l-appellanta kellha tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

Ikkunsidrat.

Fuq dan l-agravju ta' l-ammonti ta' sighat, filwaqt illi kkonfermat it-talba kif proposta a fol 12 tal-process, Christine Dougall qalet illi minbarra dawn l-ammonti kienet

diga naqset xi granet illi ghalihom ma talbitx u cioe' jumejn sick leave u gurnata leave. Dan ikkonfermah Paul Costa fejn spjega n-nuqqas ta' talba 'l ghaliex Dougall ma pproduciedx certifikati medici. L-appellanta donnha qieghda targumenta illi peress illi c-cifra mitluba tista' jkollha xi inezattezzi allura kellha tigi liberata kompletament mill-akkuzi migjuba kontra taghha.

Din il-Qorti jidhrilha illi anke li kieku kien hemm xi zbalji dana ma jfissirx illi l-ewwel Sentenza kellha tkun annullata. Se mai l-appellanta setght titlob korrezzjoni fl-ammonti sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba taghha jekk u meta tkun gustifikata. F'dan il-kaz pero' fit-talba konkluzjonali taghha l-appellanta talbet biss illi tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija minghajr ma talbet xi korrezzjoni fl-ammonti illi kien gie aggudikat fil-konfront taghha. Dana jfisser quindi illi jekk it-talba taghha ma tkunx milquha, l-ammonti jridu jibqghu kif inhuma u din il-Qorti ma tistax tbiddilhom. Pero' din il-Qorti thoss illi l-ammonti kif muriha fid-dokument a fol 12 huma gustifikati u jisthoq illi jkunu konfermati fl-intier taghhom. L-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragonevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba din id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi taqta u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------